

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Educa Borrás SA (Sant Quirze del Valles, Barcelona, Spanja)

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Ġunju 2008 — C-Content BV vs L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-247/08)

(2008/C 209/111)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-8 ta' April 2008 fil-Kawża R 597/2007 2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: It-trade mark figurattiva “EDUCA Memory game” għal prodotti fil-klassi 28 — Reġistrazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 495 036

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: It-trade mark verbali internazzjonali “MEMORY” bir-reġistrazzjoni Nru R 393 512; it-trade mark verbali tal-Benelux “MEMORY” bir-reġistrazzjoni Nru 38 328; it-trade mark verbali Ġermaniża “MEMORY” bir-reġistrazzjoni Nru 964 625

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Invalidità tat-trade mark Komunitarja kkonċernata

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Annullament tad-Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni

Motivi invokati: (i) ksur ta' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord ta' l-Appell żbalja meta kkonkluda li l-element potenzjalment kollużiv fit-trade mark Komunitarja kkonċernata huwa ta' natura purament deskrittiva u li b'hekk ma jistax joħloq probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade marks preċedenti tar-rikorrenti; (ii) ksur ta' l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord ta' l-Appell żbalja meta eżiġa li r-rikorrenti tipprova l-probabbiltà ta' konfużjoni; (iii) ksur ta' l-Artikolu 74 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord ta' l-Appell ma kkunsidrax b'mod xieraq il-prattika tat-tikkettar tas-suq rilevanti; (iv) ksur ta' l-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-Bord ta' l-Appell naqas milli jżomm seduta, kif mitlub mir-rikorrenti.

Partijiet

Rikorrenti: C-Content BV (s Hertogenbosch, l-Olanda) (rappreżentant: M. Meulenbelt, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet) kiser id-dritt Komunitarju fil-qasam tas-sejħa għal offerti u kuntratti kif espost f'dan ir-rikors;

— tordna lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jikkompensa l-ispejjeż u d-danni sostnuti mir-rikorrenti, kif espost f'dan ir-rikors;

— tikkundanna l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Fdin il-kawża, ir-rikorrenti qegħda tressaq rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta minn danni li hija tgħid li sostniet bħala riżultat ta' l-allegati irregolaritajiet imwettqa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet) rigward ċertu proċeduri ta' sejħiet għal offerti relatati ma' servizzi ta' pubblikazzjoni elettronika.

Ir-rikorrenti tressaq numru ta' raġunijiet għal responsabbiltà għal kull proċedura ta' offerti kkontestata.

Ir-rikorrenti ssostni li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-obbligu ta' diliġenza kif ukoll il-prinċipji ta' trattament ugwali, trasparenza u aspettativi leġittimi:

1. Fis-sejħa għal offerti Nru 2034, għall-produzzjoni u kkupjar ta' CD-ROMs li jkun fihom is-serje L u C tal-Ġurnal Uffiċjali: billi aċċettat l-offerta ta' kompetitur tar-rikorrenti, minkejja li r-rikorrenti kienet għamlet l-iktar offerta vantaġġuża ekonomikament, billi bidlet l-ispeċifikazzjonijiet prinċipali u naqqset ir-rekwiżiti tas-sejħa għal offerti matul il-proċedura ta' l-offerti jew wara li l-offerent rebbieħ kien diġà ntgħażel mingħajr ma ġew informati l-kompetituri l-oħra; billi irrifjuta li jagħmel reviżjoni kif xieraq tar-riżultati tas-sejħa għal offerti meta tressqu għall-attenzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat ta' l-offerta; billi naqas milli jorganizza sejħa għal offerti ġdida minflok ikompli l-kuntratt Nru 2034 fuq il-bażi ta' standards sinjifikattivament imnaqqsa.

2. Fis-sejħa għal offerti Nru 6019, għall-provvista ta' servizzi rigward pubblikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari s-Suppliment (S) tal-Ġurnal Uffiċjali, wara l-adeżjoni ta' 10 Stati Membri ġodda: billi kkanċella s-sejħa għal offerti fuq il-bażi ta' l-Artikolu 101 tar-Regolament 1605/2002⁽¹⁾ minħabba li nkixfet informazzjoni kunfidenzjali; ir-rikorrenti tissottometti li dan il-kxif ma setgħax jinfluwenza r-riżultati ta' l-offerta minħabba li l-informazzjoni kienet diġà pubblika u l-offerti kienu diġa saru sa dak iż-żmien. Barra min hekk, ir-rikorrenti ssostni li ma nġhatatx motivazzjoni xierqa mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. Fl-aħħar nett tissottometti li l-kanċellament ikkawża danni sostanzjali lir-rikorrenti li kienet għamlet l-offerta l-aktar vantaġġuża fost iż-żewġ offerti li kien fadal fis-sejħa għal offerti kkanċellata.

3. Fis-sejħa għal offerti Nru 1695, għall-provvista ta' servizzi rigward il-pubblikazzjonijiet elettroniċi, b'mod partikolari s-Suppliment (S) tal-Ġurnal Uffiċjali: billi uża l-estensjoni tal-Kuntratt Nru 1695 sabiex jibdilha. Ir-rikorrenti ssostni li ma kien hemm l-ebda bażi legali sabiex l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jipproċedi jew jawtorizza l-estensjoni tal-kuntratt u, bħala konsegwenza, li jibdlu, billi jibdel is-subkuntrattur. Ir-rikorrenti tissottometti li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet naqas milli serjament jinnegozja jew jinvestiga l-possibbiltà li jżomm lir-rikorrenti bħala s-subkuntrattur prinċipali eżistenti matul il-perjodu li kien fadal.

Ir-rikorrenti ssostni li bħala riżultat dirett ta' l-imsemmija ksur, hija tilfet il-pożizzjoni tagħha bħala fornitriċi ta' softwer għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u sostniet spejjeż, danni u telf ta' profitti sostanzjali u tqis li l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huwa responsabbli għal kumpens tagħhom.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2002 L 248 p. 1).

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2008 — Coin vs UASI — Dynamiki Zoi (FITCOIN)

(Kawża T-249/08)

(2008/C 209/112)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Coin SpA (Mestre, Venezja, l-Italja) (rappreżentanti: P. Perani u P. Pozzi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell: Dynamiki Zoi Anonymi Etairia (Peristeri, il-Greċja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tibdel id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-15 ta' April 2008 fil-Każ Nru 1429/2007-1;

— tirrifjuta t-trade mark Komunitarja Nru 3 725 298 "FITCOIN"; u

— tikkundanna lill-partijiet l-oħra għall-ispejjeż, inklużi daww tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u ta' appell ta' l-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta' l-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali "FITCOIN" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41 — Applikazzjoni Nru 3 725 298

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade mark Taljana "coin" Reġistrazzjoni Nru 160 126 għal prodotti fil-klassi 25; it-trade mark Taljana "coin" Reġistrazzjoni Nru 253 233 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41; it-trade mark Taljana "coin" Reġistrazzjoni Nru 240 305 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41; it-trade mark Taljana "coin" Reġistrazzjoni Nru 169 548 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41, estiża għall-Benelux, Franza, l-Ungerija, l-Awstrija u l-Portugall; it-trade mark Taljana "coin" Reġistrazzjoni Nru 240 286 għal prodotti u servizzi fil-klassi 25, estiża għall-Benelux, Franza, l-Ungerija u l-Awstrija; it-trade mark Komunitarja "coin" Reġistrazzjoni Nru 109 827 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35; it-trade mark internazzjonali "coin" Reġistrazzjoni Nru R 381 015 għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 25, 28, 35, 36 u 41, estiża għall-Benelux, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Portugall u s-Slovenja.